MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Numru 35/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Carmel sive Charles Demicoli**

**Il-Qorti,**

**Rat il-verdett tal-gurati moghti llum li permezz tieghu bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lil Carmel sive Charles Demicoli mhux hati tal-akkuza taht l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza izda hati talli fi glieda accidentali fejn safa' maqtul Perfecto Rabino Montalban u fejn baqa' ma nstabx min kien l-awtur tal-omicidju, ha parti attiva kontra l-maqtul, b'dana illi ghamel fuq il-persuna li giet maqtula offiza li setghet tikkawza l-mewt.**

**Tiddikjara lill Carmel sive Charles Demicoli mhux hati tal-akkuza taht l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza izda hati talli fi glieda accidentali fejn safa' maqtul Perfecto Rabino Montalban u fejn baqa' ma nstabx min kien l-awtur ta' l-omicidju, ha parti attiva kontra l-maqtul, b'dana illi ghamel fuq il-persuna li giet maqtula offiza li setghet tikkawza l-mewt.**

**Semghet lill Avukat Dott. Emanuel Mallia ghall-Carmel sive Charles Demicoli u l-Assistant Avukat Generali Dott.Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni jittrattaw dwar il-piena;**

**Rat illi skond l-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali fil-proviso tieghu, r-reat li tieghu Charles Demicoli instab hati skond il-verdett igib il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn hames snin sa tnax il-sena.**

**Hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom**

**Il-fatt li l-hati ilu disa' snin awaiting trail fuq l-akkuza ewelenija ta' omicidju volontarju li dwarha issa ma nstabx responsabbili;**
**Il-fatt li f'dina l-glieda l-hati ma kienx l-uniku wiehed involut u li kien hemm episodji fl-incident li huwa ma kellux x'jaqsam maghhom izda li wkoll wasslu ghall glieda;**

**Ikkunsidrat pero li l-hati ma qghadx lura biex jevita l-inkwiet imma fittex u rreagixxa vjolentement ghal-Filippin li ma kien ghamillu xejn li jimmerita li jinghata daqqa b'banketta bil-konsegwenzi li setgha jara fejn setghu jwasslu li f'dan l-incident spiccat persuna mejta.**

**Rat il-fedina penali tal-hati;**

**Ikkunsidrat li fejn jidhlu atti ta' vjolenza dawn il-Qrati japplikaw piena karcerarja;**

**Fic-circostanzi tikkundanna lill imsemmi Carmel sive Charles Demicoli ghall piena ta' sitt snin prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas il-perjodu li huwa ghamel taht arrest preventiv;**

**Tordna li jhallas is-somma ta' elfejn, tmien mija w sittax il-Ewro w tnax il-centezmi (€2816.12) import tal-ispejjez peritali inkorsi f' din il-kawza**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------